## EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STORJA** **ĦIN; Siegħa u Nofs**

**Isem:** ____________________ **Klassi:**________________

## TAQSIMA 1: STUDJU DWAR L-ISTORJA

**1. Wieġeb il-mistoqsijiet**

1.1. L-istorja tgħinna biex (insiru sinjuri, napprezzaw lil pajjiżna, ngħixu kuntenti). (*marka*)

1.2. Agħmel salib quddiem 5 minn dawn. Fi żmien preistoriku n-nies kienu:

| | |
|---|---|
| Jistadu | |
| Jilagħbu bil-kompjuter | |
| Jikkaċċjaw | |
| Jaraw it-televixin | |
| Jisimgħu CD | |
| Jibnu t-tempji | |
| Imorru l-iskola | |
| Jaraw partita futbol | |
| Jilbsu ħwejjeġ tal-ġild | |
| Jaħdmu t-tafal | |

(*5 marki*)

1.3. L-istudjuż tal-preistorja jissejjaħ (patologu, podologu, arkeologu). (*marka*)

1.4. Ħares lejn din l-istampa u wieġeb.



(i) Minn xiex huwa magħmul dan it-tempju?

______________________________

______________________________

__________________ (*marka*)

(ii) Kienu jużaw siment bejn il-ġebel u l-ħitan?

__________________(*marka*)

(iii) F'dan it-tempju nstabu statwi (tal-ġebel, ta' l-irħam, tad-deheb).

(*marka*)

1.5. Liema 5 minn dawn taħseb li **BAQGĦU L-ISTESS** minn żmien il-preistorja sal-lum. Immarka permezz ta' salib.

| | |
|---|---|
| Il-bniedem kien jaħdem ħalli jkollu x'jiekol. | |
| Il-bniedem kien imur għax-xogħol b'tal-linja. | |
| Il-bniedem jivvjaġġa fuq il-baħar. | |
| Il-bniedem kien jgħix ma' bnedmin oħra. | |
| Il-bniedem imur l-isptar biex jagħmel operazzjoni. | |
| Il-bniedem imur fuq rokits fl-ispazju. | |
| Il-bniedem jinqeda bl-annimali għall-ikel. | |
| Il-bniedem jaqra l-kotba. | |
| Il-bniedem imur iċ-ċinema biex jiddeverti. | |
| Il-bniedem jadura qawwa akbar minnu. | |

(*5 marki*)

(*Total: 15-il marka*)

## TAQSIMA 2: STUDJU DWAR IL-PREISTORJA

2. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.



2.1. Min taħseb li huma n-nies li jidhru f'dan ir-ritratt?

_________________________ (*marka*)

2.2. Għaliex taħseb li deħlin ġo dak it-tempju?

_________________________________

_________________________________

______________________ (*2 marki*)

2.3. Ir-ritratt juri tempju minn tal-Ġgantija. F'liema gżira jinstabu t-tempji tal-Ġgantija? ________________________________________________ (*marka*)

2.4. Agħmel sinjal taħt 3 postijiet fil-gżejjer Maltin fejn jinstabu tempji megalitiċi.
(Skorba, Pembroke, Sliema, Ħal Tarxien, Il-Belt Valletta, Kordin) (*3 marki*)

2.5. X'tifhem bil-kelma 'megalitiku'?

__________________________________________________________ (*2 marki*)

2.6. It-tempji preistoriċi ta' Malta kienu ddedikati (lil Ġunone, lil Zeus, lill-alla tal-fertilita') (*marka*)

2.7. Ikteb paragrafu biex tispjega għaliex dawn it-tempji huma importanti għal Malta llum u kif għandna nieħdu ħsiebhom.

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

_____________________________________________________________________

__________________________________________________________ (*5 marki*)

2.8. Xi tfisser il-kelma ‘ipoġew’?

______________________________________________ (*2 marki*)

2.9. Instab ipoġew importanti
(f’Ħal Saflieni, f’Ħal Millieri, f’Ħal Farruġ). (*marka*)

2.10. Dan l-ipoġew huwa mibni (f’ħames, f’erba’, fi tliet) saffi. (*marka*)

2.11. Ħares lejn l-istampa u wieġeb



(i) Dan il-vażun huwa tal-(plastik, fuħħar, ħġieġ).

______________________________ (*marka*)

(ii) B’liema mod kien dekorat dan il-vażun?

____________________________________

____________________________________(*2 marki*)

(iii) Għaliex taħseb li dan il-vażun ma nstabx sħiħ?

____________________________________

____________________________________(*marka*)

(iv) X’jurina dan il-vażun fuq il-ħajja tan-nies li għamluh?

______________________________________________

______________________________________________ (*2 marki*)

2.12. Ikteb paragrafu fuq Għar Dalam. Għid fejn jinsab, x’sabu ġo fih u għaliex huwa meqjus bħala importanti.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(*5 marki*)

(*Total: 30 marka*)

## TAQSIMA 3: STUDJU DWAR IR-RUMANI

3. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.



*Din hija stampa ta' Żmien ir-Rumani.*

3.1. Din l-istatwa nstabet (f'Ħal Tarxien, f'Tas-Sliema, fir-Rabat). (*marka*)

3.2. L-istatwa magħmula (mill-bronz, mill-irħam, mill-kartapesta).(*marka*)

3.3. Nistgħu naraw statwi oħra bħal dawn ta' l-istess żmien. (fid-Domus Romana, fil-Palazz tal-President, fil-Mużew ta' l-Arti). (*marka*)

3.4. F'Malta Kajjus Verres kellu l-kariga ta' (imperatur, ċenturjun, pretur) Ruman. (*marka*)

3.5. Verres ġie mixli li seraq xi affarijiet mit-tempju ta' (Astarte, Melkart, Ġuno). (*marka*)

3.6. Il-fdalijiet ta' dan it-tempju importanti nstabu (fil-Mellieħa, fil-Marsa, f'Marsaxlokk). (*2 marki*)

3.7. Verres ġie akkużat mill-kwestur (Ċiċerun, Ċesri, Ġulju). (*marka*)

3.8. Aqta' sinjal taħt tliet postijiet fejn instabu fdalijiet tar-Rumani f'Malta: (f'San Ġiljan, fir-Ramla l-Ħamra, fiż-Żejtun, f'Għajn Riħana, f'Għajn Tuffieħa) (*3 marki*)

3.9. Ikteb paragrafu fuq l-industrija ta' l-għasir taż-żebbuġ fil-gżejjer Maltin fi żmien ir-Rumani. Fost affarijiet oħra għid għaliex ż-żebbuġ kien importanti u x'kienu jagħmlu biex jipproduċu ż-żejt.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

_______________________________________________________(*5 marki*)

4. Ħares lejn l-istampa u wieġeb il-mistoqsijiet.



4.1. Fejn tinsab din l-istatwa ta' San Pawl?

______________________________ (*marka*)

4.2. Għaliex tinsab hemm?

___________________________________

______________________________(*2 marki*)

4.3. Minn barra dan il-post semmi 3 postijiet oħra marbuta mal-miġja ta' San Pawl fil-gżejjer Maltin.__________________________

___________________________________

______________________________ (*3 marki*)

4.4. X'jissejjaħ il-post fejn kienu jiltaqgħu l-ewwel insara?

__________________________________________________ (*2 marki*)

4.5. F'liema ktieb tal-Bibbja tissemma' l-ġrajja tal-miġja ta' San Pawl f'Malta?

____________________________________________________(*2 marki*)

4.6. Ir-Rumani rebħu lil Malta fis-sena 218 q.K.

(i) X'ifissru l-ittri q.K. ____________________________________ (*marka*)

(ii) Ta' liema qawwa kienet Malta qabel ma rebħuha r-Rumani?

____________________________________________________ (*marka*)

(iii) X'ġara minn dik il-qawwa fi tmiem il-gwerer Puniċi?

____________________________________________________(*2 marki*)

(*Total: 30 marka*)

## TAQSIMA 4: IĊ-ĊIVILTAJIET EWLENIN FIL-MEDITERRAN

5. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet

"*Il-Griegi kienu nies li mexxew 'il quddiem iċ-ċivilta` mhux biss f'dik li llum hija magħrufa bħala l-Greċja, imma f'artijiet kollha li ġew mirbuħa mill-armati tagħhom. Huma kellhom ħafna allat foloz li għadna naraw tempji u statwi ddedikati lilhom. Kienu nies li mexxew 'il quddiem l-istudju tal-filosofija, matematika, storja u ġografija. Fil-qasam ta' l-isports kienu l-Griegi li bdew jorganizzaw logħob imsejjaħ il-Logħob Olimpiku. Dawn kienu jsiru kull erba' snin f'ġieħ l-allat tagħhom. Ir-rebbieħa tal-logħob kienu jieħdu kuruna tar-rand mill-bosk qaddis ta' Żeus, l-alla ta' l-allat.*"

5.1. Semmi 3 oqsma ta' studju li mexxew 'il quddiem l-istudjużi Griegi

________________________________________________ (*3 marki*)

5.2. Semmi żewġ affarijiet li għadna nistgħu naraw illum mill-Greċja l-Antika?

________________________________________________ (*2 marki*)

5.3. (Alessandru l-Kbir, Ġulju Ċesri, Annibale) kien mexxej Grieg famuż u importanti. (*marka*)

5.4. Kull meta kien isir il-Logħob Olimpiku?

________________________________________________ (*marka*)

5.5. X'kien jingħata r-rebbieħ tal-logħob?

________________________________________________ (*marka*)

5.6. Għaliex kien isir dan il-logħob?

________________________________________________________

________________________________________________ (*2 marki*)

5.7. Ikteb paragrafu fuq il-Feniċi. Minn liema parti tal-Mediterran ġew? Għaliex baqgħu magħrufin? Xi fdalijiet ta' dawn in-nies instabu f'Malta?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________ *(5 marki)*

5.8. Il-Feniċi waqqfu l-belt ta' (Pariġi, Kartaġni, Londra). *(marka)*

5.9. Kien hemm (3, 4, 5) Gwerer Puniċi bejn Kartaġni u Ruma. *(marka)*

5.10. Wieħed mill-ġenerali Rumani li rebaħ lill-Kartaġeniżi kien (Scipio, Tullus, Paulus). *(marka)*

5.11. Fl-Eġittu kienet teżisti ċivilta` kbira li għadna naraw il-fdalijiet tagħha sal-llum.

(i) X'kienu jagħmlu l-Eġizzjani bil-mejtin tagħhom?

_______________________________________ *(marka)*

(ii) Kif kienu jissejħu l-oqbra tal-Farawni tagħhom?

_______________________________________ *(marka)*

5.12. Fis-sena (670 w.K., 770 w.K, 870 w.K.) il-gżejjer Maltin waqgħu taħt idejn l-Għarab. *(marka)*

5.13. Ta' liema reliġjon kienu dawn il-ħakkiema l-ġodda?

_______________________________________ *(marka)*

5.14. (Mose`, Iżakk, Muħammed) kien il-bniedem li xerred ir-reliġjon li jħaddnu l-Għarab. *(marka)*

5.15. Il-post fejn jitolbu l-Għarab jissejjaħ (tempju, moskea, knisja). *(marka)*

5.16. L-Għarab ħallewlna (lingwa semitika, torrijiet, bini pubbliku). *(marka)*

*(Total 25 marka)*